MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 245/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Brian Zarb**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fis-6 ta' Mejju, 2010 ghall-habta tas-6.30 a.m., waqt li kien fl-inhawi taz-Zonqor, M'Scala, kkonfronta jew ittanta, jew ghin, ta parir jew flus lil xi hadd iehor biex jikser xi disposizzjonijiet bhal dawk (inkluza ordni legittimament moghtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti), jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur tal-A.L 79/2006 artikolu 27(1)(d);
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi rrifjuta li jaghti, jew ta falz, lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-

dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra u dan bi ksur tal-artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 27(1)(d), A.L. 79/2006 u artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w ghaldaqstant ikkundannatu multa ta’ hames mitt Ewro (€500). Ma sabitux hati tat-tieni akkuza w ghaldaqstant illiberatu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta’ Gunju 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ma nstabx hati tat-tieni akkuza, izda tirrevoka w thassar is-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tal-ewwel akkuza, w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
Illi apparti li l-appellant isostni li hu fl-ebda hin ma beda juza r-radio in kwistjoni, irrispettivament mill-fatt li l-Pulizija imsemmi aktar qabel xehed li l-appellant kien qed juza dan ir-radio, jibqa l-fatt li anke jekk wiehed kelu, ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, jaccetta t-tezi tal-prosekuzzjoni li l-appellant uza dan ir-radio u beda jlissen kliem dwar fejn kienet tinstab il-vettura tal-Pulizija, dan il-fatt ma seta` qatt iwassal ghal sejbien ta’ htija dwar l-akkuza addebitata lill-appellant.

Wiehed jista` jifhem illi possibilment setghet tirrizulta akkuza ohra [dejjem jekk tigi abbraccjata l-verzjoni tal-Pulizija], dik li l-appellant fixkel lill-Pulizija fil-qadi ta’

dmirijietha. Din l-akkuza pero` ma gietx addebitata lill-appellant.

Kif setghet pero` qatt tirrizulta l-ewwel akkuza addebitata lill-appellant? La gie ppruvat, anzi hu eskluz, li l-appellant qatt ikkonfoffa jew ittanta, jew ghin, hajjar, ta parir jew flus lil xi hadd iehor biex jikser xi disposizzjonijiet tar-regolamenti citati, jew li kkonfoffa jew ittanta, jew ghin, hajjar, ta parir jew flus lil xi hadd iehor biex tinkiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht dawn ir-regolaemnti.

Illi hu car li r-regolament 27 (1)(d) tal-Avviz Legali 79/2006 jikkontempla reat u xenarju *toto coelo* differenti minn dak li gie prospettat mill-prosekuzzjoni, li wiehed jista sa certu punt ixebbhu mal-komplicita` f’reat kontemplata fil-Kap. 9, izda d-domanda ghalhekk tqum, kellha l-Ewwel Qorti l-icken prova quddiemha li setghet twassal ghal sejbien ta’ htija? Kienu jezistu l-elementi ta’ dan ir-reat partikolari, jew ghaliex il-Qorti hasset li l-appellant kien hati ta’ xi “wrongdoing”, allura kellu jinstab hati rrispettivament mill-akkuza addebitata lilu? Fl-umli fehma tal-appellant, wiehed seta` jsib biss htija jekk jinterpreta dan ir-regolament b’mod stirakkjat ghall-ahhar.

Illi ghalhekk huwa car li l-Ewwel Qorti bir-rispett ma setghet qatt tasal li ssib htija fl-appellant.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sitta (6) ta’ Mejju ta’ l-elfejn u ghaxra (2010), ghall-habta tas-sitta u nofs (6:30) ta’ fil-ghodu PS 257 Godwin Scerri stazzjonat l-ALE rcieva rapporti illi fl-inhawi taz-Zonqor, Wied il-Ghajn kienet qieghda issir kacca llegali. Dana ‘l ghaliex dak iz-zmien f’Mejju l-istagun kien ga maghluq. Waqt illi s-Surgent Scerri kien sejjer fl-inhawi taz-Zonqor fir-radju tal-karozza tal-pulizuja bdiet tinstema vuci fuq CB radio li beda jaghti struzzjonijiet lil terzi dwar il-pozizzjoni ta’ l-istess pulizija u x’kienu qeghdin jaghmlu. Is-Surgent Scerri ta struzzjonijiet lid-driver sabiex jibqa’ jsuq u meta wasal iz-Zonqor beda jfittex lil din il-persuna li kienet qed

tikkomunika ma terzi permezz tas-CB radio. Sab din il-persuna taht hajt bir-radio f'idejh jikkomunika ma terzi. Gie wicc imb'wicc mieghu u gie identifikat bhala Brian Zarb ID 198472M. Is-Surgent Scerri kkonfronta lil Brian Zarb, arrestah u hadu d-Depot. Ghal dawn il-fatti d-difiza argumentat illi ma giex ippruvat min kien dan it-terz li kien qed jikkommetti r-reat u meta l-Ligi ssemmi konfoffa jew ittanta, jrid jigi ppruvat dak li huwa maghruf bhala "a common design". L-iktar illi gie ppruvat kien illi l-appellant fixkel lill-pulizija izda mhux ikkonfoffa jew hajjar lil haddiehor li jaghmel reat.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali argumenta illi l-Ligi, l-Avviz Legali 79/06, ma jitkellimx biss dwara konfoffa izda wkoll dwar li jghin, "ta' parir" u dak huwa propju dak li rrizulta. L-appellant kien qed jikkomunika ma terzi sabiex dawn jevitaw il-pulizija allura m'hijiex sorpriza illi l-pulizija ma rnexxiliex tidentifika jew issib dawn it-terzi. L-akkuzat inqabad fil-fatt u ta' dan irid jirrispondi.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha illi f'dan l-argument l-Avukat Generali ghandu ragun. PS 257 Godwin Scerri xehed quddiem din il-Qorti u rraporta dettaljament il-messaggi li kienu qedghdin jghaddu bejn l-appellant Brian Zarb u terzi, liema messaggi damu ghaddejjin mill-inqas ghaxar (10) minuti, identifikaw il-pulizija x'kienu qeghdin jaghmlu sabiex dawn it-terzi jevitaw il-konfront mal-pulizija. Dan l-agir ta' l-appellant jaqa' pjanament fir-Regolament 27(1)(d) ta' l-Avviz Legali 79/2006 u l-ewwel Qorti kellha ragun biex issib htija.

Hu principju stabbilit fil-Gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevalment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha, (Il-Pulizija kontra Carmelo Schembri, Qorti ta' l-Appell Kriminali, tmienja u ghoxrin (28) ta' April, 1995). Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament tal-provi mressqa mill-ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzjoi illi l-ewwel Qorti fuq il-prova li kellha

quddiemha setghet ragjonevalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.  Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-konkluzjonu u diskrezzjoni tigi disturbata.  Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-Appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------